**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

## Seduta numru 5 tas-7 Leġislatura

## l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013

## -MINUTI-

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, fi' Triq Sir Harry Luke fil-5.30p.m. nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013 għas-Seduta numru 5 fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Permessi tal-Gabbani tal-Festa
5. Proġetti Kapitali u Resurfacing tat-Toroq bil-PPP
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Clayton Gauci kien skużat.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Punti mill-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 Dwar punt 3.2 – Eman Vella u Paul Vella attendew għall-din il-laqgħa. Infurmaw li issa mistenni li jsir rapport mill-ADI Associates dwar is-sit sabiex dan il-proġett Natura 2000 jitkompla.

1.3 Dwar punt 6.2 – Il-Kunsill qabel li is-Segretarju Eżżekuttiv jibgħat jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bil-proposta ta' dan il-patto d' amicizia ma' Lago Santo.

1.4 Dwar punt 6.3 – il-Kunsill qabel li jara il-possibilta' li ssir żjara kulturali minn persuna tal-lokalita' f' Castelmola Sqalija. Id-dati indikattivi huma 23 sal-25 ta' Awwissu.

1.5 Dwar punt 7.9 – Elizabeth Ebejer infurmat li l-kors għat-tfal 'Dinjiet Paralleli beda' u hemm 12 –il tifel u tifla jattendu.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet innutata stedina għal-laqgħa mal-MEPA dwar il Local Plan. Din ser issir fil-ġranet li ġejjin fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

2.4 Ġiet innutata stedina għat-tnehdija tal-proġett ta' 'live-streaming' mis-Segretarju Parlamentari Hon. Jose Herrera. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi f' isem il-Kunsill.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li kienu ser jiġu ordnat bank b' 5 postijiet fejn wieħed joqgħod bil-qegħda u li jingħalqu biex ma jkunux ta' sgombru meta ma jkunux użati. Dan il-bank ser jitwaħħal biswit il-knisja parrokkjali, faċċata tal-Każin tal-Partit Laburista.

## 4. Permessi tal-Gabbani tal-Festa

4.1 Wara id-diversi laqgħat li saru bejn il-partijiet konċernati, saret laqgħa f' l ta' Lulju fl-Uffiċċju tal-Kunsill fejn fih kienu preżenti Eman Vella, Clayton Gauci u

Mario Sammut għall-Kunsill, Michael Farrugia u J. M. Zrinzo għall-Kumitat tal-festa kif ukoll Ronald Bezzina, Jonathan Baldacchino u Christian Bonnici jirrappreżentaw lis-sidien tal-permessi tal-gabbani. Matul din il-laqgħa intlaħaq ftehim bejn il-partijiet kollha dwar il-siti fejn ser jintramaw il-gabbani. Ġiet maqbula pjanta li turi il-pożizzjonament ta' kull gabbana bin-numru rispettiv tal-permess. Il-gabbani ser jintramaw fi' Triq Sir Harry Luke quddiem il-bini tal-Kunsill, taħt il-Knisja u parti żgħira taz-zuntier fuq Triq il-Kurat Chetcuti, u fi' Triq Mons. Orazio Vella. Is-sidien tal-gabbani ser iżommu l-istess numru tal-permess li kellhom l-aħħar sena.

4.2 Dan il-ftehim ġie diskuss mill-Kunsill, u f' risoluzzjoni maqbula unanimanent ġie deċiż li jintlaqa' u jiġi addottat u jidħol fis-seħħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jibgħat jinforma lis-sidien kollha sabiex jibdew jinħarġu l-permessi minnufih.

## 5. Proġetti Kapitali u Resurfacing tat-Toroq bil-PPP

5.1 Is-Segretarju ressaq studju u eżerċizzju mwettaq minnu u l-Accountant tal-Kunsill dwar l-impatt finanzarju li il-proġett tal-PPP jista' jkollu fuq il-finanzi tal-Kunsill. Jekk ir-rati ta' pagamenti kif proposti mill-Kunsill jiġu aċċettati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (60% imħallsa immedjatament, 20% wara sena u 20% fit-tieni sena), il-Kunsill ser ikun qed iħallas EUR 115,000 b' mod immedjat wara li jitlesta ix-xogħol, EUR 25,000 wara sena u EUR 45,000 fit-tieni sena (wara li wieħed innaqqas il-fondi mill-Gvern).

5.2 Dan il-ħlasijiet ikun dovuti jekk isiru Triq l-Amarozz, Triq l-Aruna u Triq il-Karamelli.

## 6. Affarijiet Mixxellanji

6.1 Elizabeth Ebejer infurmat li kellha laqgħa mas-Sinjorina Iona Muscat ta' Heritage Malta dwar is-sit preistoriku ta' Skorba. Semmiet li Heritage Malta kellha pjan li ix-'shrines' li hemm fl-inħawi tat-tempju jiddaħħlu fir-reċint tas-sit imma peress li hemm kwistjoni jekk l-art hix privata jew pubblika, dan għadu ma sarx. Fil-laqgħa ssemmew ukoll is-sit magħruf bħala Tar-Ragħad, fejn hemm numru ta' oqbra paleo-kristjani. Peress li dawn jaqaw f' art privata, ma tantx hemm possibilta ta' interventi fuqhom, anke jekk għandhom bżonn ta' tindif u konservazzjoni. Ebejer infurmat ukoll li hemm il-ħsieb li fis-sajf li ġej (2014) isir avveniment edukattiv fuq it-tempji u siti arkeoloġiċi bejn Heritage Malta, il-Kunsill Lokali u l-iskola.

6.2 Mario Sammut ta' rendikont tal-avveniment 'Festival Hidmet Missirijietna' u qajjem kwistjoni dwar is-sostenibbilita' ta' din l-attivita', speċjalment minnħabba ix-xogħol estensiv li tirrikjedi ir-*re-annectment* storiċi li jiffurmaw parti minnha.

Informa li wara post-mortem li sar, l-Imġarr Youth Dramatic Company li hija parti mill-organizzazjoni ta' dan il-Festival, hemm il-ħsieb li jsir avveniment b' xejra differenti mis-sena d-dieħla.

6.3 Mario Sammut informa li kien irċieva 2 konfermi ta' proġetti ta' Youth Exchange għall-dan is-sajf. Wieħed ser ikun fl-Olanda għall-żgħażagħ 'il fuq minn 18 –il sena, bit-tema 'Reduce, Reuse, Recycle'. L-ieħor ser ikun immirat għall-żgħażagħ ta' bejn 13 u 17 –il sena dwar it-tema ta' 'Healthy Livestyle' u dan ser isir fil-Portugal. Il-Kunsill ser ikun qed joħroġ sejħa għal żgħażagħ interessati.

6.4 Eman Vella semma' li kien hemm 2 postijiet fi' Triq Sir Harry Luke li kienu niżlu ftit u li kellhom bżonn xogħol ta' patching. Ser jiddaħħlu mal-lista' tax-xogħlijiet.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-7 :24 pm, u ġiet aġġornata għall-Hamis 1 ta' Awwissu 2013.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku